**DEĊIŻJONI LI ILMENT MA JKOMPLIX JIĠI INVESTIGAT**

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 094 |
| **Allegazzjoni:** | Ikkummissjonar ta' xogħlijiet f'Kemmuna mingħajr il-permessi neċessarji; għoti ta' informazzjoni falza dwar l-iskop tax-xogħlijiet; u għoti ta' direct order b'mod abbużiv |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 6 ta' Mejju 2021 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 10 ta' Awwissu 2023 |

1. Dan l-ilment sar fis-6 ta' Mejju 2021 u fih il-Prof. Cassola (l-Ilmentatur) qal li:

(a) il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, ikkummissjona xogħlijiet f'żona Natura 2000 mingħajr ma talab il-permessi neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar;

(b) il-Ministru gideb meta qal li kienu xogħlijiet urġenti neċessarji għal skopijiet turistiċi meta fil-fatt ix-xogħlijiet saru biex jipprovdi servizzi lill-persuni li jiġġestixxu l-kjoskijiet;

(ċ) il-Ministru qabbad il-perit b'direct order; u

(d) il-perit imsemmi huwa uffiċjal tal-Partit Laburista.

2. L-ilment jinkludi riferenza għal artiklu ippubblikat mill-ġurnal online *The Shift News* fl-istess jum.[1]

[1] Ara https://theshiftnews.com/2021/05/06/architect-responsible-for-illegal-comino-works-is-a-labour-party-official/.

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

3. L-ilment sħiħ huwa anness ma' din id-deċiżjoni bħala d-dokument A.

4. Fl-10 ta' Mejju 2021 l-Ilmentatur reġa' kiteb biex jirreferi lil dan l-Uffiċċju artiklu ieħor li kien għadu kemm ġie ppubblikat minn *The Shift News* in konnessjoni mal-istess każ.[2]

5. Jirriżulta li fil-5 ta' April tal-2021, il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva rapport minn deputat parlamentari (l-Onor. Robert Cutajar) dwar allegat ksur ta' regoli ambjentali.[3]

6. L-Awtorità tal-Ippjanar qalet li x-xogħlijiet in kwistjoni ma kinux jirrikjedu permess u l-Ministeru għal Għawdex għalhekk qal li ma sar xejn kontra l-liġi. Skond dokument rilaxxat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA),

> *ERA considers that these latest submissions have addressed ERA's previous concerns. In this regard, noting that the proposal has been revised and is now being strictly limited to the surgical repair of the damaged parts of the existing wall, the resurfacing of the existing access rad with natural stone paving and installation of a timber and rope railing, there is no objection to the proposal* [...] *from an environmental point of view.*[4]

7. Dan id-dokument inħareġ fis-6 ta' Frar 2020. Fit-3 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika r-rapport tiegħu fejn ikkonkluda illi:

> *Fir-risposta tagħha l-Awtorità tgħid ukoll li "Proġetti ta' dan it-tip ma jistgħux jiġu spezzettati fil-partijiet tagħhom, anzi wieħed irid jarahom fit-totalità tagħhom." Huwa proprjament dan l-iżball li sar mill-Awtorità meta injorat ix-xogħol addizzjonali ta' service culvert meta qisitu parti integrali mix-xogħlijiet urġenti proprju fuq it-trejqa. Huwa l-istess Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, permezz tas-subartikolu 70(2), li jiddistingwi*

---

[2] Ara https://theshiftnews.com/2021/05/10/environment-minister-silent-on-illegal-works-in-comino-protected-area/.

[3] Ara https://ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2021/05/Final-Opinion-EV0028.pdf.

[4] Ittra tal-ERA datata 6 ta' Frar 2020 u indirizzata liċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar. Din l-ittra tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati mill-Ministru għal Għawdex fit-22 ta' Novembru 2020 b'risposta għall-mistoqsija parlamentari nru 16668 tat-tlettax-il leġiżlatura.

*l-varji tipi ta' xogħlijiet li għandhom bżonn u li m'għandhomx bżonn permess. Fil-fatt, fir-risposta tagħha l-Awtorità naqset li tindirizza l-preokkupazzjonijiet prinċipali tal-Kummissarju, ċioè li l-kaptelli tas-service culvert fil-kwistjoni tqiegħdu fil-wiċċ tat-triq u kif ukoll jekk dan is-service culvert li huwa intenzjonat sabiex jipprovdi għall-passaġġ ta' xi servizzi (kuntrarjament għal trinka tas-servizzi) liema passaġġ ma kienx jeżisti qabel, ippreġudikax aktar milli saħħaħ is-sigurtà pubblika. Xogħlijiet ta' emerġenza m'għandhom qatt ikunu jikkomprendu, prinċipalment, xogħlijiet simili ta' ċertu portata u li għad hemm dubju kemm verament huma neċessarji, partikolarment f'żona daqstant sensittiva bħalma hi Kemmuna.*

*Is-sensittività neċessarju f'dan il-każ kellha tiġi osservata fis-sħiħ, u bħalma dawn ix-xogħlijiet ġja ġew posposti għal sena, wieħed kien jistenna, f'ġieħ l-ambjent u f'ġieħ is-sewwa, li dawn jerġgħu jiġu posposti, is-sit jiġi ripristinat u jsiru x-xogħlijiet ta' rfid li hemm bżonn sabiex jitneħħa l-periklu li qed jingħad li hemm (partikolarment il-periklu) maħluq bix-xogħlijiet tal-istess service culvert stess) u fil-frattemp issir l-applikazzjoni appropożita bil-konsultazzjonijiet neċessarji. Dan kollu bl-intervent primarju tal-Awtorità tal-Ippjanar u bil-koperazzjoni tal-Ministeru u l-Kuntrattur.*[5]

8. Dan in segwitu tal-opinjoni finali tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċċju tal-Ombudsman tat-23 ta' April 2021, fejn intqal li:

> *1. L-Awtorità tal-Ippjanar għandha immedjatament toħroġ 'Avviż ta' Waqfien u Twettiq' fil-konfront tal-istess xogħlijiet tas-service culvert. Għandha toħroġ l-istess avviż ukoll fil-konfront tax-xogħlijiet anċillari ta' tfigħ ta' materjal jekk l-ordni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fir-rigward għadha ma ġietx esegwita.*
>
> *2. Minħabba s-sensittività tas-sit, l-Awtorità tal-Ippjanar għandha tara, kemm jista' jkun billi ċertu interventi li saru huma riversibbli, li dan is-sit jitreġġa lura għall-istat li kien qabel saru x-xogħlijiet, partikolarment issa li dieħel iż-żmien tas-sajf fejn l-inħawi jibdew jiġu iffrekwentati aktar mill-pubbliku.*

[5] Dokument aċċessibbli minn https://ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2021/05/Reply-to-PA-Reaction.pdf.

*3. L-Awtorità tal-Ippjanar għandha timponi u tiġbor il-multi applikabbli fit-termini tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp in segwitu għal dan l-avviż u tqegħedhom ġo fond appropożitu għall-benefiċċju tal-ambjent ta' Kemmuna. Kwalunkwe telf f'multi għal kull ġurnata li l-Awtorità tal-Ippjanar iddum sabiex toħroġ dan l-avviż mid-data ta' din l-Opinjoni Finali għandha tħallsu l-istess Awtorità tal-Ippjanar għan-nuqqas fl-obbligu tagħha li tħares il-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.*

*4. Sabiex issir service culvert simili, l-Awtorità tal-Ippjanar għandha tara li dan ikun kopert bil-permess tagħha wara li tkun daħlet full development application u jiġu ikkonsultati l-entitajiet kollha u l-pubbliku fit-termini tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, b'attenzjoni partikolari għal dak li jirrigwarda miżuri ambjentali fosthom dwar in-neċessità tal-istess service culvert tenut kont, in partikolari, konsiderazzjonijiet dwar l-opzjoni ta' użu ta' enerġija nadifa u kif ukoll li l-kaptelli tas-service culvert jiġu mgħaddsa fl-art sabiex ma jibqgħux ma' wiċċ it-trejqa.*[6]

9. Kif hu ċar minn dak illi intqal, l-Awtorità sostniet illi x-xogħlijiet indikati ma kienux jirrikjedu permess għaliex "*tqis li x-xogħlijiet ta' service culvert ma għandhomx bżonn ta' permess ta' żvilupp*" (risposta tac-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar tat-30 ta' April 2021).[7]

10. Għalhekk huwa ċar il-kuntrast bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Awtorità imsemmija f'din il-kwistjoni. Dan ipoġġi lil dan l-Uffiċċju f'sitwazzjoni diffiċli għaliex huwa evidenti li l-istess Uffiċċju m'għandux kompetenza teknika fir-rigward u jkollu jistrieħ fuq opinjoni teknika ta' esperti.

11. Peress li fil-każ in eżami, l-awtorità kompetenti, ossija l-Awtorita tal-Ippjanar, tat il-barka tagħha għax-xogħlijiet, ma hemmx x'wieħed iżid, ħlief li jirrimarka li huwa stramb kif l-ambjenti in kwistjoni kienu ilhom mijiet ta' snin fl-istat li kienu (mingħajr is-servizzi li ġew inklużi bix-xogħlijiet in kwistjoni) u qatt ma kien hemm bżonn tas-servizzi miżjuda. Dan l-Uffiċċju m'għandux ġurisdizzjoni fuq l-Awtorità in kwistjoni skont l-artiklu 3(1) tal-Kap. 570 u

---

6 Dokument aċċessibbli minn https://ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2021/05/Final-Opinion-EV0028.pdf.

7 Dokument aċċessibbli minn https://ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2021/05/Reaction-of-PA-to-Final-Opinion.pdf.

għalhekk kull ma jista' jagħmel huwa li juri solidarjetà mal-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-konklużjonijiet tiegħu.

12. Kwantu għall-allegazzjoni li x-xogħlijiet saru biex jiġu aġevolati l-persuni li jiġġestixxu operazzjonijiet kummerċjali fil-gżira (Kemmuna), fil-waqt li wieħed jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissarju preċedenti (vide l-kaz K/032 deċiż fit-2 ta' Lulju 2021) li fl-investigazzjonijiet tiegħu dan l-Uffiċċju ma jirrikjedix l-ogħla livell ta' prova (cioè dik rikjesta fi proċeduri kriminali), fl-istess ħin fl-istess deċiżjoni appena imsemmija, il-Kummissarju qal ukoll li:

> *In vista tan-natura tal-ilmenti li jitressqu għall-konsiderazzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika* […] *ċertament m'għandux jiġi applikat il-livell ta' prima facie li jiġi applikat mill-maġistrat* [...] *fl-egħluq tal-kumpilazzjoni, altrimenti l-Kummissarju jkollu jirreferi prattikament kull każ li jirċievi lill-Kumitat.*[8]

13. Fil-każ in eżami, ma jirriżulta minn imkien (lanqas mir-rapport tal-Ombudsman għax naturalment ma kienx fil-mansjoni tiegħu) li x-xogħlijiet saru biex jaġevolaw lill-persuni msemmija u għalhekk ma jistax wieħed jikkonkludi li saru għalhekk; suspett mhux biżżejjed biex wieħed isib ħtija iżda jrid ikun hemm provi li jikkonvinċu lil min irid jiddeċiedi.

14. Kwantu għall-inkarigu tal-perit li tqabbad direttament mill-Ministeru, billi skont il-konklużjonijiet tekniċi ix-xogħol kien ta' natura urġenti, ma kienx hemm żmien li tinħareġ tender li seta' jagħti lok għal dewmien li jkun ta' preġudizzju għax-xogħol stess. Ara f'dan ir-rigward id-deċiżjoni ta' dan l-Uffiċċju fil-każ K/026 deċiż fil-21 ta' Lulju 2021, fejn intqal li:

> *Għalkemm l-użu ta' direct order fih innifsu* [...] *jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola normali, li hija l-użu ta' sejħiet għall-offerti (jew, kif tissejjaħ fir-regolamenti, il-proċedura miftuħa), l-użu ta' direct order mhux neċessarjament jirrappreżenta abbuż ta' poter, għaliex dan huwa permess mil-liġi f'ċerti ċirkostanzi.*[9]

15. Ġaladarba skont l-Awtorità tal-Ippjanar l-ingaġġ ta' perit b'direct order kien ġustifikat, u ġaladarba mhux qed jintefa' dubju fuq il-kwalifiki jew il-

---

8 Rapport dwar il-każ K/032 (2 ta' Lulju 2022), paragrafu 63. Ir-rapporti ta' dan l-Uffiċċju huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/case-reports/.

9 Rapport dwar il-każ K/026 (21 ta' Lulju 2021), paragrafu 6.

kompetenza tal-perit, dan l-Uffiċċju ma jarax li hemm bażi biex jinvestiga l-għażla tiegħu.

16. In konklużjoni għalhekk l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju se tieqaf hawn.

17. Din id-deċiżjoni hija limitata strettament għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ilmentatur.

18. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Ilmentatur għall-finijiet tal-artikolu 17(3) tal-Att, kif ukoll lill-Ministru Clint Camilleri bħala l-persuna li dwarha sar l-Ilment.

19. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni li mhux se ssir investigazzjoni ulterjuri, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat minn dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Investigazzjoni, Ministru Clint Camilleri
**Date:** Thursday, 6 May 2021 23:12:22

---

Għażiż Kummissarju Hyzler,

Nixtieq niddenunzja lill-Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri, għall-imġiba abużiva tiegħu li rriżultat fl-isfreġju tal-pajsaġġ tal-Blue Lagoon, Kemmuna, li ser jibqa' mmarkat għal dejjem.

L-Ombudsman ġa wasal għall-konklużjoni li x-xogħlijiet li saru f'Kemmuna kienu illegali.

L-artiklu li ħareġ illum f' Theshift news jissenjala abbużi oħra sfaċċati min-naħa tal-Ministru Camilleri.

Għalhekk qiegħed nitolbok tinvestiga lill-Ministru Camilleri għaliex:

**Illegalita'** :1. Ikkummissjona xogħlijiet f' żona Natura 2000 mingħajr ma talab l-permessi neċessarji mill-Awtorita' tal-Ippjanar;
**Gideb**: 2. Gideb meta qal li kienu xogħlijiet urġenti neċessarji għal skopijiet turistiċi, meta fil-fatt ikkmanda x-xogħlijiet biex jipprovdi servizzi lil tal-kjoskijiet, bosta minnhom canvassers tal-istess Ministru;
**Abbuż ta' Direct Order:** 3. Qabbad lill-Perit għax-xogħlijiet b'direct order, mingħajr ma ħareġ sejħa pubblika.
**Nepotiżmu partiġġan:** 4. Ta x-xogħol illegali direttament f'idejn Uffiċjal tal-Labour Party, is-Segretarju Organizzattiv tal-PL, il-Perit William Lewis, jiġifieri lil uffiċjal tal-partit politiku li minnu jagħmel parti.

Fuq nota personali, minkejja li mhix l-ewwel darba li ma qbiltx miegħek fuq konklużjonijiet ta' investigazzjonijiet, nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi għax-xogħol tal-Uffiċċju tiegħek, li intom qed twettqu b'rettitudni.

Lir-rappreżentant tal-poplu li qed jipprova jimminakom, injorawh, bħalma rrakkomanda Dante Alighieri: "Non ragioniam di lor.....ma guarda e passa".

Inselli għalik,

Arnold Cassola

Anness, artiklu Theshift news

https://theshiftnews.com/2021/05/06/architect-responsible-for-illegal-comino-works-is-a-labour-party-official/